MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-19 ta' Awwissu, 2011

Numru. 966/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**

**vs**

**Ubah Aden Meh**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Ubah Aden Meh, ta’ 23 sena, bint Aden Meh u Amina Shermeke Amer, imwielda Mogadishu is-Somalja fl-1988 u residenti Pimpa Court Flat 3 Triq il-Port Hieles, Birzebugia u detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 50713(A).

Akkuzata talli fis-17 ta’ Awwissu, 2011 bil-hsieb li taghmel hsara lil xi persuna ohra, akkuzat lil dil il-persuna quddiem awtorita’ kompetenti b’ reat li filwaqt  li kienet taf li dik il-persuna hija nnocenti u dan bil-hsieb ta’ estorsjoni ta’ flus jew hwejjeg ohra;

U wkoll fl-istess data u lokalitajiet b’qerq holqot jew gheghlet jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu ‘l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra bil-hsieb li b’hekk din il-persuna tkun tista tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta’ reat;

U wkoll li fl-istess data, u lokalitajiet iddenunzjat lill-Pulizija Ezekuttiva reat li taf li ma sarx inkella b’qerq holqot tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jisguraw li dak ir-reat kien sar;

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ htija minhabba li tinfliggi l-pieni stabbilit mill-Ligi, tordna sabiex jithallsu l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti, kif provdut fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikoli 101, 110(1) u 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u kkonfermat dni l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Rat d-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata, l-eventwali koperazzjoni taghha mal-pulizija, l-ammissjoni

f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, l-fedina penali netta taghha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 101, 110(1) u 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammisjoni ssib lill-imputata hatja ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk tikkometti reat iehor fi zmien tlett snin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------